MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Numru. 225/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Jason Zammit**

**(ID 537375(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Jason Zammit ta' 30 sena, bin Emanuel u Mary nee` Formosa, imwieled il-Pieta` fid-19 ta' Novembru 1975, residenti gewwa Blk B2, Flat 6, Triq id-Duluri, Pieta`, fil-prezent jinsab gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 537375(M):

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fid-29 ta' Marzu 2006 u xahar qabel, gewwa Rahal Gdid (CCF) u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a) Bhala persuna li ma kienx ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett ikun li jkun (DHC's) li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula, jew garr jew pprova jgorr xi oggett (DHC's) barra minn xi habs. Dan bi ksur tal-Kap. 260, Artikolu 7(2) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar id-29 ta' Marzu 2006, waqt illi l-imputat kien diehel gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghall-habta tal-11.00 a.m. wara li dakinhar stess kien ghadu kif inghata sentenza ta' prigunerija effettiva mill-Qorti Kriminali, saret tfittxija fuqu, izda ghalkemm dak il-hin ma nstablu xejn, izjed tard ghall-habta tat-8.00 p.m., huwa stqarr illi fil-warrani tieghu, huwa kellu xi pilloli DHC.[1] Fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2008[2], l-Ispettur Nezren Grixti esebixxa 68 pillola, allegatament DHC u sussegwentement, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2010, *"in linea mal-isqarrija ta' l-imputat, id-difiza taqbel li l-pilloli misjuba kienu DHC's"*.[3]

L-unici provi li ghandha quddiemha l-Qorti dwar il-fatti li effettivament wasslu ghal dan il-kaz, jirrizultaw mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u mid-deposizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri. Altrimenti l-bqija tax-xhieda mressqa huma fil-maggor parti taghhom, Ufficjali tal-Habs, li tressqu limitatament sabiex jixhdu dwar jekk l-imputat kienx diga` gie punit jew inkella ttiehdux passi dixxiplinarji kontra tieghu bhala konsegwenza tal-fatti li taw lok ghal dan il-kaz.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech[4], li dak iz-zmien kienet Assistent Registratur fil-Qrati Kriminali, illi nhar id-29 ta' Marzu 2006, l-imputat kien inghata sentenza mill-Qorti Kriminali, liema sentenza tinsab esebita a fol. 53 tal-process.

L-imputat irrilaxxja stqarrija fit-30 ta' Marzu 2006[5], wara li nghata s-solita twissija vigenti dak iz-zmien, ossia illi ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma

[1] Dan jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat, a fol. 3 tal-process.
[2] A fol. 15 tal-process.
[3] A fol. 36 tal-process.
[4] A fol. 50 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 3 tal-process.

jkunx jixtieq illi jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova. Issa huwa evidenti illi l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fiz-zmien meta l-istess imputat ma kellux id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni tieghu, liema dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Ghalkemm id-difiza, fl-ebda stadju ma talbet l-isfilz ta' din l-istqarrija jew illi l-Qorti tiskarta dak li seta' qal l-imputat lill-Ufficjal Investigatur, din il-Qorti, in linea mal-izviluppi Kostituzzjonali, ossia tenut kont tal-eta' tal-imputat meta huwa gie interrogat u ttiehdet l-istqarrija tieghu u l-fedina penali tieghu li kienet diga` tinkludi sentenzi ta' prigunerija effettiva dak iz-zmien, tqis l-istess stqarrija bhala ammissibbli.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ikkonferma illi huwa kien qieghed fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u li l-jum ta' qabel ossia d-29 ta' Marzu 2006 kien l-ewwel jum tas-sentenza tieghu, ghaliex kien ghadu kemm wehel tnax-il sena habs. Huwa kkonferma wkoll illi fil-jum ta' qabel, huwa kien diehel gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghall-habta tal-11.00 a.m. fejn giet maghmula tfittxija fuq il-persuna tieghu, izda ma nstab xejn fuqu. Huwa rrifjuta li johrog dak li kellu mill-warrani tieghu u qal lill-Ufficjali tal-Habs li ma kellu xejn. L-imputat ikkonferma illi ghall-habta ta' nofsinhar huwa ddikjara mall-Ufficjal Investigattiv illi kien lest li jsirulu xi ezamijiet permezz ta' *x-ray* sabiex jigi stabbilit x'kellu fil-warrani u illi sussegwentemt, huwa ttiehed gewwa l-Isptar fejn wara li sarulu xi ezamijiet medici, gie stabbilit li gewwa l-warrani tieghu, kien hemm xi haga li kienet suspettata droga. L-imputat ikkonferma wkoll illi izjed tard ghall-habta tat-8.00 p.m. huwa stqarr illi fil-warrani tieghu, kellu xi pilloli DHC u zied jghid illi kien huwa stess illi kien dahhal dawn il-pilloli fil-jum ta' qabel, qabel mar il-Qorti ghas-sentenza. Qal illi huwa kien ghamel dan ghaliex kien taht il-kura ta' Dr. Fenech li jpoggi gewwa Hal-Qormi u li kien dan it-tabib li tah l-istess pilloli wara li kien ghamillu ricetta. Qal illi huwa pprova jdahhal dawn il-pilloli ghaliex il-habs ma kinux jaghtu minnhom u kien jaf li ma kienx ser ikollu access ghalihom. Qal illi kien ilu tlett xhur jiehu minn dawn il-pilloli u li dejjem xtrahom bir-ricetta.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[6], imbaghad, l-imputat jghid illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kien qieghed taht kura permezz tal-pilloli DHC u kien izommhom fuqu biex jiehu minnhom. Huwa jghid illi kien ilhom xi jumejn fuqu qabel mar il-Qorti u dakinhar li mar il-Qorti nesihom fuqu. Jghid ukoll illi ma kienx jaf li sejjer il-habs dakinhar u li diga` kien tela' l-Qorti drabi ohra u l-kawza tieghu giet differita u li dak il-hin x'kien qieghed barra, beda jara lill-pulizija jharsu lejh, dahal fit-*toilet* u dahhalhom fil-warrani tieghu. Sussegwentement, dahal fl-awla, inghatat is-sentenza u baqghu sejrin bih il-habs. Skond l-imputat, huwa prova jnehhihom qabel dahal il-habs, waqt li kien fil-*lock up* u anke fil-vann tal-habs, izda ma setax. Jghid illi huwa kien jixtri l-pilloli minghand Dr. Fenech u kien jaghmillu vizta qabel jixtrihom. L-imputat jghid li ma jafx kemm kellu pilloli ezatt dakinhar u li kien jixtri sew, ghax kien jibza' li jinqabad minghajrhom. Jghid li kien jiehu xi ghaxar jew tnax-il pillola kuljum matul il-jum u li t-tabib ma kienx jghidlu biex jiehu tnax kuljum, izda hu kien jiehu ammont skond kif ihossu. Meta ma kienx ihossu tajjeb, kien jiehu aktar. Kien ilu jiehu minn dawn il-pilloli, kien jehodhom kuljum u kien xtrahom minn spizerija, bir-ricetta. Jghid illi bott kien ikun fih 56 pillola u mistoqsi ghalfejn kien igorr dan l-ammont fuqu meta huwa kien jiehu ghaxra jew tnax kuljum, huwa qal illi gieli ghamel jumejn ma jmurx lejn id-dar.

**Ikkunsidrat ukoll:**

F'dan il-kaz, l-imputat ma giex akkuzat bil-pussess illegali tal-pilloli DHC, izda bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-kwistjoni dwar jekk l-imputat kellux *control card* o meno dwar il-pilloli li nstabu fil-pussess tieghu hija rrilevanti. Dwar dan il-punt, il-Qorti tissottolinea biss, illi kuntrarjament ghal dak li sostniet id-difiza fit-trattazzjoni finali taghha, fis-sens illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li turi illi l-imputat ma kellux *control card*, ai termini tal-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101, l-obbligu ta' din il-prova ossia illi l-imputat effettivament kellu *control card* jew ricetta ghal dawn il-pilloli, qieghed fuq id-difiza u mhux fuq il-prosekuzzjoni.

[6] A fol. 93 *et seq* tal-process.

In ogni caso kif inghad, l-imputat jinsab akkuzat taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 260. Issa ai termini tal-ewwel sub-artikolu ta' dan l-artikolu:

*"Meta xi persuna, li ma tkunx ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima, iddahhal jew tipprova ddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att, jew iggorr jew tipprova ggorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs, tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, multa ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94)."*

It-tieni sub-artikolu imbaghad jghid hekk:

*"Meta l-oggett li jidhol jew li sar attentat biex jidhol f'habs kif intqal qabel ikun arma regolari kif imfisser fl-artikolu 64 tal-Kodici Kriminali, jew xi sustanza espluziva kif imfisser fl-artikolu 314 tal-Kodici Kriminali, jew xi likwidu jew sustanza li tahraq jew korruziva, jew xi medicina li tkun medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew li tkun medicina li hi kontrollata b'regolamenti maghmulin taht l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, il-piena tkun prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn xahar u mhux izjed minn tmintax-il xahar kemm il-darba ma jkunx hemm provduta piena oghla taht xi ligi ohra*".

Dawn is-sub-artikoli tal-ligi jirreferu ghalhekk ghal <u>xi persuna, li ma tkunx ufficjal tal-habs jew persuna ohra impjegata fil-habs</u>. Dan mhux ghaliex l-ufficjali tal-habs jew il-persuni ohrajn impjegati fil-habs m'humiex kolpiti b'dan l-artikolu tal-ligi, izda ghaliex fil-konfront taghhom u ghall-ragunijiet ovvji, tapplika piena izjed harxa, kif prevvista fis-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu. Skond id-difiza, l-ewwel sub-artikolu appena citat u konsegwentement anke is-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 7, ma japplikawx ghal prigunieri u dan ghaliex fl-

ewwel lok, din id-disposizzjoni tal-ligi mkien ma ssemmi lill-prigunieri u fit-tieni lok, skond l-istess difiza, ghaliex dak li jista’ jaghmel jew ma jistax jaghmel prigunier huwa kolpit bil-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 ossia ir-Regolamenti dwar il-Habs li, kuntrarjament ghall-Artikolu 7, jsemmu lill-prigunieri specifikatament. Id-difiza ssostni wkoll illi l-imputat ghalhekk ma kellux jigi akkuzat b’reat taht dan l-artikolu, izda semmai kellu jigi akkuzat taht ir-Regolament 75 tal-imsemmija regolamenti li jitkellem dwar reati kontra d-dixxiplina, fost liema reati fil-paragrafu (g), hemm inkluz ukoll il-pussess da parti ta’ prigunier, ta’ oggett ipprojbit jew mhux awtorizzat.

Il-Qorti ma taqbel xejn ma’ din is-sottomissjoni tad-difiza. Fl-ewwel lok, kif inghad, is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 7 jitkellem dwar xi persuna – li ma tkunx ufficjal tal-habs jew persuna ohra impjegata fil-habs – li ddahhal jew tipprova ddahhal oggetti projbiti gewwa l-habs u mkien ma teskludi li tali persuna tkun prigunier gewwa l-habs stess. Generalment in-nies li jidhlu l-habs huma l-prigunieri nfushom, nies li jzuruhom jew ihallu oggetti ghall-prigunieri, inkluz ikel u naturalment l-ufficjali tal-habs u nies ohrajn impjegati hemmhekk. Li kieku l-ligi riedet teskludi l-prigunieri minn din id-disposizzjoni tal-ligi, dan kienet tghidu espressament. Anzi l-ligi titkellem b’mod generali dwar ‘persuna’, tkun min tkun, u teskludi biss u espressament lill-ufficjali tal-habs u persuni ohrajn impjegati gewwa l-habs, ghaliex ghalihom tirrizerva piena izjed serja. Il-fatt illi l-komportament tal-prigunieri huwa regolat taht ir-Regolamenti dwar il-Habs ma jfissirx illi dan jirrendi inapplikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 260 fir-rigward tal-prigunieri, tant illi mkien ma hemm xi disposizzjoni li tghid dan jew li tghid li dawn ir-regolamenti ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet tal-Att in kwantu jirrigwarda l-prigunieri. Minn harsa lejn l-Att u r-Regolamenti, jirrizulta car illi dawn tal-ahhar jikkumplimentaw l-Att u li jidhlu f’izjed dettal dwar il-*modus operandi* tal-habs u tal-awtoritajiet tal-habs fil-konfront tal-prigunieri.

Veru wkoll illi r-Regolament 75 tal-imsemmija regolamenti jitkellem dwar reati kontra d-dixxiplina u jghid illi prigunier ikun hati ta’ reat kontra d-dixxiplina jekk

*inter alia* ikollu fil-pussess tieghu xi oggett ipprojbit jew mhux awtorizzat.[7] Dawn ir-reati madankollu, kuntrarjament ghar-reat ipotezzat fl-Artikolu 7 tal-Kap. 260, m'humiex ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Kriminali, izda l-kompetenza taghhom tmiss lill-awtoritajiet tal-habs, tant illi ai termini tar-Regolament 78 huwa d-Direttur tal-Habs li jimponi piena f'kaz ta' sejbien ta' htija dwar reat kontra d-dixxiplina, kif suggetta, f'certi kazijiet stipulati fir-Regolament 80, ghal revizjoni da parti tat-Tribunal tal-Appelli mahtur skond l-istess regolamenti, kemm il-darba l-prigunier nvolut jaghmel petizzjoni lill-istess Tribunal ghal revizjoni tal-kaz dixxiplinarju. Apparti illi l-Artikolu 7 tal-Kap. 260 jitkellem dwar min idahhal jew jipprova jdahhal fil-habs jew igorr barra mill-habs oggett projbit, fil-waqt illi l-paragrafu (g) tar-Regolament 75 jitkellem dwar prigunier li jkollu fil-pussess tieghu oggett projbit jew mhux awtorizzat, iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi ma jeskludux lil xulxin, b'dan illi prigunier jista' jistressaq quddiem il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali sabiex iwiegeb ghal akkuza taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 260 u/jew jistghu jittiehdu passi dixxiplinarji kontrih ai termini tar-regolament imsemmi. Kemm il-darba jittiehdu passi kontra l-prigunier taht iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi, allura tista' tqum il-kwistjoni tan-*ne bis in idem*, li huwa wkoll punt iehor imqajjem mid-difiza f'dan il-kaz, li dwaru l-Qorti ser titratta izjed 'il quddiem. Biss a bazi tal-fatt illi l-imputat odjern kien prigunier fiz-zmien tal-kaz odjern, m'hemm xejn fil-ligi li tipprekludi li huwa jitressaq quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali sabiex iwiegeb ghal reat taht il-Kapitolu 260. Anzi r-Regolament 88 stess jghid illi "*Proceduri kriminali mehuda kontra prigunier f'xi qorti, dwar fatt li x'aktarx ikun jiggustifika proceduri dixxiplinarji, ma ghandhomx iwaqqfu l-proceduri dixxiplinarji kontra dak il-prigunier ghal xi ksur tad-dixxiplina taht dawn ir-regolamenti*".

Punt iehor issollevat mid-difiza fit-trattazzjoni taghha huwa illi ai termini tar-Regolament 64 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03, li jitkellem dwar oggetti pprojbiti:

[7] Ara l-paragrafu (g)(i) tal-istess regolament.

"*(2) Id-Direttur jista', minn zmien ghal zmien, jaghmel lista jew jara li ssir lista ta' oggetti li jistghu legittimament jiddahhlu fil-habs minn xi persuna (inkluzi ufficjali tal-habs) minghajr il-kunsens minn qabel tad-Direttur. Din il-lista ghandha tkun disponibbli ghall-prigunieri, ghall-ufficjali tal-habs u ghall-vizitaturi*" [sottolinear tal-Qorti].

Skond l-abbli difiza, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fis-sens illi l-imputat kien inghata din il-lista mid-Direttur tal-Habs sabiex b'hekk ikun f'posizzjoni li jkun konsapevoli ta' dak li seta' jdahhal fil-habs o meno. Ukoll skond id-difiza, tali lista kellha tinghata tassattivament lil kull prigunier, li m'hemmx prova li l-imputat inghata din il-lista u allura ma jistax jinghad illi l-imputat xjentement kiser disposizzjoni tal-ligi.

F'dan ir-rigward, jibda biex jinghad illi r-Regolament 64(2), jghid illi d-Direttur "*jista'*" u mhux illi d-Direttur 'ghandu' jaghmel din il-lista u ghaldaqstant ma hemm l-ebda obbligu impost b'mod tassattiv fuq id-Direttur tal-Habs illi jaghmel din il-lista jew li jara li din il-lista ssir. Skond l-istess regolament, huwa biss meta tali lista ssir, illi din "*ghandha*" tkun disponibbli lill-prigunieri, fost il-persuni l-ohrajn imsemmija fl-istess sub-regolament u ghalhekk hija biss din id-disponibilita`, la darba l-lista ssir, illi hija tassattiva. Jekk id-difiza qeghda tallega li kien hemm xi lista li ma nghatatx lill-imputat, allura kien jispetta lilha illi ggib din il-prova.

Hawnhekk il-Qorti ser tikkunsidra wkoll dak li huwa meqjus bhala oggett ipprojbit ghal fini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260. L-ewwel sub-artikolu ta' dan l-artikolu jitkellem dwar "*oggett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att*". La l-Kapitolu 260 u lanqas il-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 ma jaghtu definizzjoni ta' oggett ipprojbit jew jipprovdu lista ezawrijenti ta' oggetti ipprojbiti, izda r-Regolament 64(1) jghid hekk:

*"Id-Direttur ghandu jikkonfiska kull oggett ikun x'ikun li, minghajr awtorità legittima, jingieb, jitwassal jew jintefa jew jigi ddepozitat f'habs, jew jitwassal lil prigunier, jew jigi ddepozitat f'xi post bil-hsieb li jigi fil-pussess ta' prigunier; u dak l-oggett ghandu jitqies li jkun oggett ipprojbit ghall-finijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att u ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti."*

Minn dan wiehed jifhem illi oggett ipprojbit huwa oggett, ikun xi jkun, li jiddahhal gewwa l-habs minghajr l-awtorita` legittima tad-Direttur tal-Habs. Imbaghad it-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 7 jipprovdi lista ta' oggetti li huma pprojbiti u li d-dhul taghhom gewwa l-habs jew l-attentat li dawn jiddahhlu gewwa l-habs, iwassal ghal piena izjed serja minn dik provduta fl-ewwel sub-artikolu u dan minhabba n-natura ta' dawn l-oggetti. Dawn huma: i) l-armi regolari kif imfissra fl-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9, ii) sustanza esplusiva kif imfissra fl-Artikolu 314 tal-Kapitolu 9 jew xi likwidu jew sustanza li tahraq jew korruziva, iii) medicina li tkun medicina perikoluza skond il-Kapitolu 101 jew iv) medicina kontrollata b'regolamenti maghmula taht il-Kapitolu 31.

F'dan il-kaz, il-pilloli in kwistjoni kienu pilloli *Dihydrocodeine* u ghalhekk stante illi l-Artikolu 7(2) jitkellem dwar medicina li tkun medicina perikoluza taht il-Kapitolu 101, wiehed irid jara jekk tali pilloli humiex medicina perikoluza taht dan il-Kapitolu. Dan l-ahhar Kapitolu jaghti definizzjoni ta' 'medicina perikoluza' fl-Artikolu 12, li jghid *inter alia* illi "*"medicina perikoluza" tfisser medicina li ghaliha tghodd it-Taqsima IV ta' din l-Ordinanza …*". Skond l-Artikolu 10(1) taht it-Taqsima IV tal-Ordinanza, imbaghad, il-medicini li ghalihom tghodd din l-istess Taqsima huma dawk imsemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza. F'din l-Ewwel Skeda, fit-Taqsima II, hemm inkluz l-medicina *Dihydrocodeine.* Biss l-Ewwel Skeda tirreferi ghall-preparati li jkun fihom xi wahda mill-medicini mdahhlin fit-Taqsimiet I u II tal-istess Skeda <u>suggetti ghall-ezenzjonijiet imnizzla fit-Taqsima III ta' din l-Iskeda</u>. Fost dawn l-ezenzjonijiet, indikati fit-Taqsima III, hemm inkluzi l-preparati ta' *Dihydorocodeine* meta jkunu komposti ma' ingredjent wiehed jew aktar u jkun fihom mhux aktar minn 100 milligram tal-medicina f'kull unita` ta' doza u b'koncentrazzjoni ta' mhux izjed minn 2.5 fil-mija tal-preparati mhux separati.

F'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ma talbitx illi ssir analizi tal-pilloli esebiti minnha, permezz ta' espert mahtur mill-Qorti u r-raguni ghal dan jidher li kienet illi d-difiza ddikjarat illi kienet qeghda taqbel illi l-pilloli misjuba kienu DHCs. Fin-nuqqas ta' kwalsiasi analizi, madankollu, il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni li tkun taf minn x'hiex kienu komposti dawn il-preparati u konsegwentement lanqas m'hija f'posizzjoni li tkun taf jekk dawn il-pilloli jew preparati *Dihydrocodeine* jidhlux fil-parametri tal-esenzjoni indikata fit-Taqsima III imsemmija. Kull dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi tali pilloli huma medicina perikoluza kif definita taht il-Kapitolu 101 u ghalhekk lanqas li huma kolpiti bl-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan iwassal ghalhekk lill-Qorti biex tikkunsidra jekk tali pilloli, minkejja li ma humiex kolpiti bit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 7, humiex tali li jigu kkunsidrati bhala oggetti pprojbiti fil-parametri tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260. Fil-fehma tal-Qorti, kif diga` inghad izjed 'il fuq, ai termini tar-Regolament 64(1), oggett ipprojbit huwa oggett, ikun xi jkun, li jiddahhal gewwa l-habs minghajr l-awtorita` legittima tad-Direttur tal-Habs. Huwa car f'dan il-kaz illi l-imputat ipprova jdahhal il-pilloli li nstabu fil-pussess tieghu, minghajr din l-awtorita` legittima, irrispettivament mill-fatt jekk huwa kellux ir-ricetta o meno ghal dawn il-pilloli u ghaldaqstant, dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala oggetti ipprojbiti taht l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260.

Apparti dak li diga` nghad izjed il'fuq, ghal dak li jirrigwarda l-punt imqajjem mid-difiza illi l-imputat ma kienx konsapevoli illi qed jagixxi bi ksur tal-ligi, huwa principju baziku u assolut fil-kamp penali illi "*ignorance of the law is no excuse for breaking it*", salv ghall-fatt illi dan jista' jittiehed in konsiderazzjoni ghal fini ta' piena. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo**, fin-noti tieghu:

*"… although mistake of law leaves the offender liable for the offence which he has blundered into, it may nevertheless afford good grounds for inflicting on him a milder punishment"*.[8]

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, illi huwa tant kien konsapevoli illi ma jistax idahhal tali medicina gewwa l-habs illi huwa stess jghid illi qabel mar il-Qorti, biex jinghata s-sentenza, huwa dahhal il-pilloli fil-warrani tieghu, ghaliex kien jaf illi fil-habs ma kienx ser ikollu access ghalihom. Fil-verzjoni li huwa jaghti fid-deposizzjoni tieghu, imbaghad, l-imputat ibiddel il-verzjoni u jghid illi dakinhar huwa ma kienx jaf li ser jinghata s-sentenza, li baqa' sejjer il-Qorti bil-pilloli ghaliex kien nesihom fuqu u li x'hin kien barra l-awla, huwa ra pulizija jhares lejh u ghalhekk dahal fit-*toilet* fejn dahhal il-pilloli fil-warrani tieghu. Wara nghatatlu s-sentenza u ttiehed dritt lejn il-habs u ghalkemm ipprova johrog il-pilloli waqt li kien fil-*lock up* u anke fil-vann tal-habs, ma rnexxielhux. Issa l-Qorti tikkunsidra illi l-ewwel verzjoni moghtija minnu, apparti li moghtija *a tempo vergine*, hija dik il-verzjoni li fil-fehma taghha, hija l-izjed veritiera u attendibbli. Fl-ewwel lok, la darba l-imputat jghid li kien jiehu minn ghaxar sa tnax-il pillola kuljum ma kellux ghalfejn joqghod jigri bi tmienja u sittin pillola fuq il-persuna tieghu, anke jekk kien jaghmel xi jiem barra (u anke f'dan ir-rigward il-Qorti ghandha d-dubji taghha, ghaliex din il-parti tal-verzjoni tal-imputat kienet evidentement intiza biss sabiex jiggustifika l-pussess tieghu ta' dak l-ammont ta' pilloli) u fit-tieni lok, li kieku verament kien nesihom fuqu u dherlu li dan seta' jgibu fl-inkwiet ghaliex bdew iharsu lejh il-pulizija (li l-Qorti ma temminx lanqas) kien jaghmel izjed sens ghall-imputat li jarmihom jew jahbihom fit-*toilet* fejn fil-fatt dahal u certament mhux li jaghmel dak li fil-fatt ghamel. L-imputat ghamel dak li ghamel biss ghaliex kien jaf li kien diehel il-habs u haseb li ma kienx ser ikollu access ghal dawn il-pilloli. Li l-imputat imbaghad jghid li ppruva jnehhihom fil-*lock up* jew addirittura fil-vann tal-habs m'huwiex la kredibbli u lanqas attendibbli. Tant l-imputat kien jaf li l-pilloli kienu oggetti pprojbiti gewwa l-habs li dahhalhom fil-warrani tieghu, ghaliex kien jaf li dakinhar kien diehel il-habs. In oltre kif jidher ukoll mill-fedina penali tieghu, din ma kinitx l-ewwel

[8] *Lectures in Criminal Law (First Year)*, pg. 97.

darba illi l-imputat kien diehel il-habs u ghalhekk certament li ma jistax jghid li ma kienx jaf li d-dhul ta' tali medicina kienet ipprojbita.

Id-difiza tissottometti wkoll illi hekk kif l-imputat iddahhal il-habs fil-jum in kwistjoni, b'konsegwenza tal-fatt illi nstabu fuqu l-pilloli msemmija, huwa tqieghed f'Divizjoni 6 u tnehhewlu xi privileggi u ghalhekk, skond l-istess difiza dan jammonta ghal *ne bis in idem*. Dan il-punt jidher li gie mqajjem quddiem il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tat-28 ta' Frar 2008. Dwar dan il-punt, PS 1211 Richard Zammit xehed illi dwar il-kaz odjern, ma ttiehdux passi dixxiplinarji kontra l-imputat da parti tal-awtoritajiet tal-habs, izda l-kaz gie mghoddi f'idejn il-pulizija. Huwa qal ukoll illi fil-waqt illi l-imputat dahal il-habs fid-29 ta' Marzu 2006 (ossia dakinhar tal-kaz odjern), l-ewwel rapport li huwa kellu kien fl-20 ta' Settembru 2006 u dan ghaliex kien instab fil-pussess ta' xi *cards.* Skond id-dokument esebit minn dan ix-xhud[9] fil-fatt jirrizulta illi fir-rigward ta' dan ir-rapport, l-imputat inghata tlett ijiem rekluzjoni, apparti li gew konfiskati l-istess *cards.* Jirrizulta wkoll mill-istess dokument illi, fir-rigward tal-imputat, imbaghad, sar rapport iehor fil-25 ta' Settembru 2006 dwar disubbidjenza ta' ordni u dwar dan ukoll inghata tlett ijiem rekluzjoni.[10] Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2009, l-istess xhud rega' kkonferma illi ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinarji mill-awtoritajiet tal-habs fil-konfront tal-imputat dwar dan l-incident u li l-istess imputat kien inzamm gewwa Divizjoni 6 bhala mizura ta' sigurta` u mhux bhala kastig. Qal ukoll illi dejjem isir rapport dwar passi dixxiplinarji li jkunu ttiehdu fil-konfront ta' prigunier.[11] Dwar dan il-punt, xehed ukoll il-Maggur James Abela[12] li qal illi wara li nstabu l-pilloli in kwistjoni fuq il-persuna tal-imputat, id-Direttur ta' dak iz-zmien kien iddecieda li jitrasferixxi lill-imputat f'Divizjoni 6 biex ikun izjed *monitored* u taht kontroll, izda mhux bhala kastig. Ix-xhud ma kellux informazzjoni preciza fuq l-imputat, izda qal li jiftakar li meta l-imputat tqieghed f'din id-divizjoni, huwa kien qieghed hemm bil-privileggi normali tad-Divizjoni 6, fejn ir-regolamenti applikabbli huma differenti minn divizjonijiet ohrajn. Xehed ukoll PC 762

---

[9] A fol. 25 tal-process.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 21 *et seq* tal-process.
[11] Ara xhieda a fol. 31 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 27 *et seq* tal-process.

George Camilleri[13] li qal illi fid-29 ta' Marzu 2006, l-imputat iddahhal gewwa Divizjoni 6 u dam hemmhekk sal-31 ta' Lulju 2006. Huwa spjega li ma jinghatawx privileggi gewwa din id-divizjoni jew li din id-divizjoni timplika nuqqas ta' privileggi, izda l-imputat beda jaghmel it-telefonati mit-30 ta' Marzu 2006 u mit-12 ta' April 2006, l-imputat kellu wkoll l-vizti. Huwa qal illi prigunier f'divizjoni ohra jkollu zewg *contact visits* fil-gimgha. Ix-xhud qal illi f'dan il-kaz ma kienx jaf ghalfejn l-imputat tqieghed f'Divizjoni 6. Xehed ukoll CO 94 Charles Camilleri[14] li qal illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jahdem f'Divizjoni 6, fejn jinqatghu certi privileggi skond il-kaz u li dak iz-zmien, prigunieri kienu jitqeghdu f'din id-divizjoni ghal ragunijiet ta' sigurta` jew bhala kastig. Skond l-istess xhud, l-imputat kien tqieghed f'din id-divizjoni minhabba ragunijiet ta' sigurta`.

F'dan il-kaz, mill-provi prodotti, jirrizulta car illi ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinarji mill-awtoritajiet tal-habs fil-konfront tal-imputat. L-imputat beda jiskonta sentenza karcerarja gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u t-tqeghid tieghu f'divizjoni b'regim izjed strett, ma gietx imposta fuqu bhala xi forma ta' piena wara proceduri dixxiplinarji, izda bhala mizura ta' sigurta` u anke sabiex jigi kkontrollat ahjar wara li nstab b'numru sostanzjali ta' pilloli fil-pussess tieghu. Kif intqal fil-kaz *Ezech and Connors v. the United Kingdom* ([GC], 39655/98 and 40086/98, 9 October 2003), fejn saret referenza ghal kaz ta' *Engel v Netherlands*[15] u dan fil-kuntest ta' jekk mizuri ghandhomx jigu klassifikati bhala li jappartjenu lill-kamp kriminali jew dak dixxiplinari:

*"In a society subscribing to the rule of law, there belong to the 'criminal' sphere, deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental."*

[13] A fol. 83 *et seq* tal-process.
[14] A fol. 101 *et seq* tal-process.
[15] *Engel v Netherlands* A 22 (1976); 1 EHRR 647 PC.

F'dak il-kaz, l-applikanti li kienu lkoll qed jiskontaw piena ta' prigunerija, setghu jinghataw jiem addizzjonali ta' detenzjoni, tant illi l-ewwel applikant kien inghata 40 jum addizzjonali u t-tieni applikant inghata 7 ijiem addizzjonali, li skond il-ligi domestika, kienu ekwivalenti, fit-tul taghhom, ghal sentenzi ta' hdax-il gimgha u hmistax-il jum prigunerija rispettivament. Ghalhekk intqal ukoll mill-Qorti f'dak il-kaz illi "*In these circumstances, the Court finds that the deprivations of liberty which were liable to, and which actually were, imposed on the applicants cannot be regarded as sufficiently unimportant or inconsequential as to displace the presumed criminal nature of the charges against them*".

F'dan il-kaz, apparti li kif inghad, ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinarji fil-konfront tal-imputat, il-mizuri imposti, fl-ewwel lok, ma jistghux jitqiesu bhala tali li kienu "*appreciably detrimental*" u dan meta jitqies ukoll illi fil-fatt l-imputat ma kienx projbit milli jaghmel telefonati (ghaliex fil-fatt ghamel zewg telefonati sa mill-ghada tal-incident mertu tal-kaz) u lanqas ma tnaqqaslu b'xi mod il-perjodu ta' *remission*, ghalkemm ma kellux vizti ghall-perjodu ta' madwar hmistax-il jum. In oltre, kif diga` inghad, dawn kienu mizuri provizorji li ttiehdu bhala mizura ta' sigurta` u mhux bhala forma ta' kastig. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx illi jista' jinghad illi l-imputat qed jigi '*tried twice for the same offence'* u lanqas li bis-sentenza tal-lum, ser ikun qed jigi punit darbtejn dwar l-istess reat.

Ghaldaqstant, a bazi tal-premess, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mill-ligi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, b'dan illi huwa qed jinstab hati taht l-ewwel sub-artikolu u mhux taht it-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi skond l-istess Artikolu 7(1) tal-Kap. 260, il-piena applikabbli ghar-reat hija dik ta’ multa ta’ mhux izjed minn €232.94. Biss skond l-Artikolu 33A(1) tal-Kodici Kriminali, meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat, fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija ghandha tizdied bi grad jew tnejn u l-Qorti hija prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u tal-Att dwar il-*Probation.* In oltre ai termini tal-Artikolu 33A(2), ghal fini ta’ dan l-artikolu, “prigunier” ghandha l-istess tifsira moghtija fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 260 u tinkludi prigunier meqjus li hu mizmum f’habs skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(3) tal-istess Kapitolu.

Fil-waqt illi l-Artikolu 2 tal-Kap. 260 jghid illi ‘prigunier’ tfisser “*kull persuna li tkun mizmuma f’xi habs*”, l-Artikolu 3(3) tal-istess Kapitolu jghid illi “*Prigunier jitqies li hu mizmum f’habs filwaqt li jkun qed jingarr ghal jew minn habs ghal iehor …*”. Huwa evidenti f’dan il-kaz ghalhekk illi la darba wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti Kriminali fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien qed jingarr lejn il-habs, f’dak il-mument huwa kien prigunier u ghaldaqstant huma applikabbli fil-konfront tieghu, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A(1) tal-Kap. 9. Ai termini tal-Artikolu 31(1)(f), imbaghad, it-tlugh mill-piena tal-multa jsir ghall-prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, liema fedina penali kienet wahda pjuttost refrattarja u tinkludi sejbien ta’ htija dwar serq aggravat (fi tliet okkazzjonijiet), hsara volontarja, reati kontravvenzjonali, reati kontra r-regolamenti tat-traffiku (f’seba’ okkazzjonijiet), pussess illegali tad-droga eroina (f’erba’ okkazzjonijiet u f’okkazzjoni minnhom fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin), omicidju involontarju u skond is-sentenza esebita a fol. 53 tal-process, dwar traffikar ta’ droga.

Qieset ukoll illi l-oggett ipprojbit kien jikkonsisti f’68 pillola, liema pilloli l-imputat hbiehom fil-warrani tieghu sabiex ikun jista’ jdahhalhom gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 31(1)(f) u 33A tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **xahrejn prigunerija effettiva**.

Tordna d-distruzzjoni tal-pilloli esebiti bhala Dokument NG hekk din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------